ta' twelidu, hwejjeġ li ħabblu l-imħuħ ta' dawk kollha li kienu kitbu fuq dan il-persunaġġ u li ħadd minnhom ma kien ċert fuqhom. Saħansitra Isouard innifsu ma kienx ċert mit-twelid tiegħu, ħtija ta' daqsxejn ta' żball li kien ħa min irreġistra t-twelid tiegħu, kif ipprova s-Sur Muscat Azzopardi.

Laqatna wkoll it-tagħrif li l-awtur ġabar fuq it-tnejn u erbgħin opra ta' Isouard; meta nkitbu, meta u fejn marru in xena, kemm damu u l-kritika dwarhom. Din hija biċċa xogħol li swietlu sabar u studju bla qies, imma l-awtur jistħoqqlu tifħir ukoll għall-objettività tiegħu u għall-eżattezza fil-kommenti dwar li-ħila ta' l-awtur u s-siwi ta' l-opri tiegħu. L-awtur jidher li għamel minn kollox biex ikun ċert minn dak li kiteb u li kellu f'rasu li din il-bijografija toħroġ kompita kemm tista' tkun. Naħseb li dan il-ħsieb seħħlu u r-riżultat huwa ta' min ifaħħru għax ix-xogħol huwa bażat fuq dokumenti awtentiċi u mhux fuq għajdut jew plaġjariżmu. L-awtur ma jonqosx li jirrakkonta mnejn ġibed tagħrif li swielu għal din il-biċċa xogħol li żejjinha wkoll bi stampi dokumentarji ta' interess kbir.

Jiena qrajt dan il-ktieb b'interess kbir għal darba tnejn u ma sibtx osservazzjonijiet x'nagħmel ħlief waħda jew tnejn li huma dawn: Isouard kien iddekorat mill-Gran Mastru bis-Salib ta' Donat, li huwa grad anqas minn Kavalier u mhux bis-Salib ta' San Donato (paġna 16). Naħseb li ċ-ċimiteru msemmi fil-paġna 25 huwa dak ta' Pere Lachaise mhux Place Lachaise. Dan huwa l-istess post li fil-paġna 26 huwa msemmi bħala Notre Dame des Victoires, fejn jidher li Isouard huwa midfun. Dawn huma żewġ intietef li ma jnaqqsux mill-valur ta' din il-bijografija ta' Malti li għamel ġieh kbir lil pajjiżna. G.

## KOTBA LI RĊEVEJNA

### GHAL-LIBRERIJA TAL-GHAQDA

Bijografija tal-Mużiċista Nicolò Isouard minn Ivo Muscat Azzopardi.
Ir-Rużarju, Perjodiku, minn P. Valentin Barbara, O.P. (Kollezzjoni tal-Perjodiku).
Young Listener (1956-1959 October). (Karm. Vassallo).
Il-Prinjola, Sinfonia per Orchestra e Poesia minn Reg. Vella Tomlin.

## ERRATA — CORRIGE

### Fil-Lista tal-Kontribuzzjonijiet (għas-Sena 1959)

| | |
|---|---|
| Prof. G. Galea | £ 10. 0. |
| Aqra | |
| Prof. G. Galea | £1 0. 0. |